L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

Ċirkulari 11/19
19 t'Awwissu 2019

Lill-Istazzjonijiet Kollha tax-Xandir

**Kors fil-Malti għall-Ġurnalisti, il-Qarrejja tal-Aħbarijiet u x-Xandara**

Bi pjaċir nixtieq ninfurmakom li f'Ottubru 2019 l-Awtorità tax-Xandir bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti se jniedu kors ġdid fl-ilsien Malti għall-ġurnalisti, il-qarrejja tal-aħbarijiet u x-xandara.

Dan il-kors hu mifrux fuq disa' ġimgħat bejn Ottubru u Diċembru li ġej. Il-lezzjonijiet se jsiru nhar ta' Erbgħa min-12:30pm sas-2:30pm fl-Università l-Qadima, il-Belt.

Il-kors hu maħsub għal dawk kollha li jiktbu u jaqraw fuq it-televiżjoni u r-radju. Se jiffoka fuq is-sengħa tal-kitba, it-traduzzjoni u l-għażla tal-kelma, il-pronunzja u d-dizzjoni, u r-riżorsi tal-Malti.

L-applikazzjonijiet għall-kors fetħu u qed jintlaqgħu **sal-Erbgħa 18 ta' Settembru 2019**. Ma' din iċ-ċirkulari ssibu l-formola tal-applikazzjoni li tista' timtela u tintbagħat bil-posta lis-Sur Jean-Pierre Caligari, *Programme Monitor*, fl-Awtorità tax-Xandir. Inħeġġiġkom biex tibagħtu lill-impjegati tagħkom għal dan il-kors ħalli jitjieb il-livell tal-ilsien Malti fix-xandir.

Dr Joanna Spiteri
Kap Eżekuttiv

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

# Kors fil-Malti għall-Ġurnalisti, il-Qarrejja tal-Aħbarijiet u x-Xandara

**Formola tal-applikazzjoni**

Nixtieq napplika għall-*Kors fil-Malti għall-Ġurnalisti, il-Qarrejja tal-Aħbarijiet u x-Xandara*, organizzat mill-Awtorità tax-Xandir u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li se jsir fl-Università l-Qadima, il-Belt.

Dan il-kors maħsub għal min jikteb u jaqra fuq it-televiżjoni u r-radju. B'kollox fih 18-il siegħa u se jiffoka fuq is-sengħa tal-kitba, it-traduzzjoni u l-għażla tal-kelma, il-pronunzja u d-dizzjoni, u r-riżorsi tal-Malti. Ma jinkludix sessjonijiet fuq l-ortografija.

Il-kors mifrux fuq disa' ġimgħat u kull lezzjoni hi min-12:30pm sas-2:30pm. Is-sessjonijiet tal-kors se jsiru nhar ta' Erbgħa fis-16, 23 u 30 ta' Ottubru, fis-6, 13, 20 u 27 ta' Novembru u fl-4 u l-11 ta' Diċembru 2019.

Isem u kunjom: ___________________________________

Kariga/rwol: ___________________________________

Stazzjon/kumpanija: ___________________________________

Sfond edukattiv:

_________________________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________________________

Indirizz: ___________________________________

___________________________________

___________________________________

Indirizz elettroniku: ___________________________________

Numru ta' kuntatt: ___________________________________

Firma ___________________________________ Data: ______________________

**Ħlas:** 20 ewro. Il-pagament għandu jsir b'ċekk indirizzat lill-Awtorità tax-Xandir u jintbagħat flimkien mal-formula fl-indirizz t'hawn taħt:

L-Awtorità tax-Xandir,
c/o Jean Pierre Caligari
7, Triq Mile End, il-Ħamrun, HMR 1719

Kull min jixtieq jattendi għandu jibgħat iċ-ċekk u l-formola kif indikat sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru 2019. Il-parteċipanti li ma jintgħażlux għal dan il-kors jingħataw il-flus lura.